**Int speċjali**

Ħafna għaddew iħokku miegħi
Ittawwlu u baqgħu ghaddejjin,
Int waqaft, bi ħniena tas-sema
Qalbek hekk kbira tal-mifdijin.

Hija dil-Ħniena hekk tal-ghageb
Li ssebbħek fost il-bnedmin,
Li żżejjinlek lis-sabiħ wiċċek
Bit-tbissima ħienja tal-ħenjin.

Għax dik hi l-qalb li taf tfejjaq
Għax taf tisma l-karba tal-muġugħ,
Taf tifhem it-tiċrita l-kbira
Li ċċarrat l-imħabba f'qalb il-qlub.

Ibqa' xerred fwieħet l-imhabba
Ibqa' ara fil-bogħod fil-qiegħ,
Ibqa' għannaq ma' qalbek safja
Wara kollox biss Alla jaf bih.

Hu biss jaf meta qalbek tħabbat
Hu biss ikun ħdejk f'tixrid id-dmugħ,
Hu biss iħoss it-toqla ta' qalbek
Għalhekk għalik jibqa' jkun l-ilqugħ.

X'jibqa' wara kollox fil-hajja
Jekk mhux il-karba li tagħti s-sliem?
Li toħroġ minn qalb li tikkura
Li tingħata l-ħin kollu bla tmiem?

Hijiex din l-inċens inviżibbli
Li jimla' kullimkien bir-riħa,
Li taqsam ta' kura mill-isbaħ
Tfejjaq 'l qalb, iġġibha mistrieha?

Ibqa' xerred il-mediċina
Biha int m'hawnx bħalek, irjali,
Ibqa' uri ħlewwietek sbejħa
Tinsiex, kemm għamlek w int speċjali.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta' Lulju 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.